Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2021/0293(COD)

28.4.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali"
(COM(2021)0574 – C9-0359/2021 – 2021/0293(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sabine Verheyen

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-15 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-proposta leġiżlattiva tagħha li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali", li tintroduċi qafas ta' governanza biex jintlaħqu l-miri diġitali tal-Unjoni sal-2030. Il-proposta tkopri erba' oqsma ewlenin: (1) il-ħiliet diġitali, (2) l-infrastrutturi diġitali, (3) id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u (4) d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.

B'mod ġenerali, ir-Rapporteur tilqa' l-proposta iżda tixtieq tissuġġerixxi serje ta' emendi sabiex jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ħiliet diġitali.

B'mod aktar speċifiku, ir-Rapporteur tenfasizza l-fatt li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma kruċjali għat-trasformazzjoni diġitali u għal popolazzjoni b'ħiliet diġitali. F'dan il-kuntest, ir-Rapporteur tipproponi emendi li għandhom l-għan li jiċċaraw id-definizzjonijiet ta' ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati u f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u d-definizzjonijiet tal-UNESCO. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tqis li l-miri proposti għall-ħiliet diġitali għandhom jinżammu, b'mira intermedjarja stabbilita sal-2025 u b'enfasi li għandha tiżdied fuq il-ħiliet diġitali għall-għalliema.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur tagħmel enfasi qawwija fuq il-ħtieġa li jinbnew sinerġiji ma' programmi u inizjattivi eżistenti fil-qasam tar-riċerka u l-edukazzjoni, fuq il-ħtieġa li tiġi appoġġata l-konnettività tal-gigabits tal-iskejjel u l-konnettività fl-iskejjel (pereżempju fir-rigward tal-aċċess għall-internet u t-tagħmir diġitali) u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-proġetti ta' diversi pajjiżi jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2022 dwar l-istabbiliment ta' Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, jenħtieġ li d-Deċennju Diġitali primarjament jaqdi linnies u jiżgura li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom japplikaw b'mod ugwali offline kif ukoll online. Biex jitharsu dawk id-drittijiet, huwa kruċjali li jiġu protetti u promossi media ħielsa u

pluralistika u aċċess online għal informazzjoni preċiża. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiggarantixxu li t-trasformazzjoni diġitali fl-Unjoni tkun iggwidata minn dawk id-drittijiet u l-prinċipji, filwaqt li jiżguraw ukoll li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li joqogħdu lura wkoll milli jsegwu leġiżlazzjoni jew miżuri oħra li jmorru kontra dawk id-drittijiet jew joħolqu aktar inugwaljanzi u diskriminazzjoni fost iċ-ċittadini.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Biex tiġi segwita t-trajettorja tal-Unjoni fir-rigward tal-pass tat-trasformazzjoni diġitali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri diġitali***.*** ***Jenħtieġ li dawn il-miri jkunu marbuta ma' oqsma konkreti***, meta l-progress jenħtieġ li jsir b'mod kollettiv fl-Unjoni. Il-miri jsegwu l-erba' punti kardinali identifikati fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali, identifikati bħala l-oqsma essenzjali għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.	(6) Biex tiġi segwita t-trajettorja tal-Unjoni fir-rigward tal-pass tat-trasformazzjoni diġitali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri diġitali ***ċari u definiti sew għall-Istati Membri u f'kull wieħed minnhom***, ***filwaqt li jitqiesu l-punti ta' tluq tagħhom.*** Meta l-progress jenħtieġ li jsir b'mod kollettiv fl-Unjoni***, dawn il-miri jenħtieġ li jsegwu approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, jenħtieġ li jkunu inklużivi u jenħtieġ li jkunu marbuta ma' oqsma konkreti***. Il-miri jsegwu l-erba' punti kardinali identifikati fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali, identifikati bħala l-oqsma essenzjali għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-edukazzjoni, b'mod partikolari l-edukazzjoni diġitali, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja huma kruċjali għat-trasformazzjoni diġitali u għal popolazzjoni b'ħiliet diġitali. F'dan ir-rigward, proġetti multinazzjonali jenħtieġ li jiġu żviluppati b'mod simili għall-pjattaforma tal-Università Online Ewropea jew l-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-ħiliet diġitali, bażiċi u avvanzati, huma essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tas-soċjetà tal-Unjoni. Iċ-ċittadini b'setgħa u kapaċitajiet diġitali se jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tad-Deċennju Diġitali. Barra minn hekk, it-taħriġ u l-edukazzjoni diġitali ***għandhom jappoġġjaw*** forza tax-xogħol li fiha n-nies ikunu jistgħu jiksbu ħiliet diġitali speċjalizzati biex jiksbu impjiegi ta' kwalità u karrieri sodisfaċenti f'numri ħafna akbar mil-lum, ***b'konverġenza bejn in-nisa u l-irġiel***. Barra minn hekk, fattur abilitanti essenzjali biex jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, għal aktar żviluppi teknoloġiċi u għal tmexxija diġitali tal-Ewropa huwa infrastruttura diġitali sostenibbli għall-konnettività, il-mikroelettronika u l-kapaċità li tiġi pproċessata data vasta. Hemm bżonn konnettività ***eċċellenti*** u sigura għal kulħadd u kullimkien fl-Ewropa, inkluż f'żoni rurali u remoti[40]. Il-ħtiġijiet tas-soċjetà għall-wisa' tal-banda tad-download u tal-upload qed jiżdiedu b'mod kostanti. Sal-2030, jenħtieġ li n-networks	(7) Il-ħiliet diġitali, bażiċi u avvanzati, huma essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva ***u l-inklużività*** tas-soċjetà tal-Unjoni. ***Għalhekk, definizzjoni komuni tal-ħiliet diġitali u standardizzazzjoni tal-valutazzjoni fil-livell Ewropew huma importanti biex jiżguraw li l-Istati Membri jilħqu l-objettivi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Il-ħiliet diġitali bażiċi huma ġeneralment meqjusa bħala komponent kritiku tal-ħiliet fil-litteriżmu fl-era diġitali, b'mod simili għall-ħiliet tal-qari, tal-kitba u tan-numeriżmu. Kif uriet il-kriżi tal-Coronavirus,*** iċ-ċittadini b'setgħa u kapaċitajiet diġitali se jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tad-Deċennju Diġitali. ***Biex jintlaħaq dan l-għan, jenħtieġ li ssir enfasi qawwija fuq l-edukazzjoni biex jiġi żgurat li l-għalliema u l-komunità tal-edukazzjoni b'mod ġenerali jkunu mħarrġa, mogħtija l-ħiliet u mgħammra b'mod adegwat biex jużaw it-teknoloġija b'mod effettiv fil-metodi tat-tagħlim tagħhom u biex jgħallmu t-teknoloġiji diġitali. Jenħtieġ li tiġi stabbilita mira speċifika u ambizzjuża rigward il-ħiliet diġitali bħala kompetenza***

b'veloċitajiet tal-gigabits ikunu disponibbli f'kundizzjonijiet aċċessibbli għal dawk kollha li jeħtieġu jew jixtiequ din il-kapaċità. Barra minn hekk, il-mikroproċessuri li llum diġà huma fil-bidu tal-biċċa l-kbira tal-ktajjen tal-valur strateġiċi ewlenin huma mistennija li jkunu f'domanda saħansitra ogħla fil-futur, b'mod partikolari dawk l-aktar innovattivi. Fatturi abilitanti kritiċi mistennija jkunu edge node newtrali għall-klima u sigur ħafna li jiżgura aċċess għal servizzi tad-data b'latenza baxxa kull fejn ikunu jinsabu n-negozji, u l-kapaċità kwantistika.

ewlenija għall-għalliema kollha u jkun xieraq li l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza diġitali, l-iġjene ċibernetika, il-protezzjoni tad-data u l-litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni jiġu inklużi fil-kurrikuli. Barra minn hekk, jenħtieġ li ssir enfasi fuq it-tagħlim tul il-ħajja bħala għodda komprensiva biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni kollha. Barra minn hekk, it-taħriġ u l-edukazzjoni diġitali***, kif ukoll l-edukazzjoni relatata ma' STEAM, se jappoġġaw l-iżvilupp ta'*** forza tax-xogħol ***aktar ibbilanċjata bejn il-ġeneri u varjata*** li fiha n-nies ikunu jistgħu jiksbu ħiliet diġitali speċjalizzati biex jiksbu impjiegi ta' kwalità u karrieri sodisfaċenti f'numri ħafna akbar mil-lum, ***biex ikunu kapaċi jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà***. Barra minn hekk, fattur abilitanti essenzjali biex jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, għal aktar żviluppi teknoloġiċi u għal tmexxija diġitali tal-Ewropa***,*** huwa infrastruttura diġitali sostenibbli għall-konnettività, il-mikroelettronika u l-kapaċità li tiġi pproċessata data vasta. Hemm bżonn konnettività ***affidabbli, rapida*** u sigura għal kulħadd u kullimkien fl-Ewropa, inkluż f'żoni rurali u remoti[40] ***u hija kritika biex tipprovdi aċċess għall-edukazzjoni, li hija dritt fundamentali***. Il-ħtiġijiet tas-soċjetà għall-wisa' tal-banda tad-download u tal-upload qed jiżdiedu b'mod kostanti. Sal-2030, jenħtieġ li n-networks b'veloċitajiet tal-gigabits ikunu disponibbli f'kundizzjonijiet ***affordabbli u*** aċċessibbli għal dawk kollha li jeħtieġu jew jixtiequ din il-kapaċità. Barra minn hekk, il-mikroproċessuri li llum diġà huma fil-bidu tal-biċċa l-kbira tal-ktajjen tal-valur strateġiċi ewlenin huma mistennija li jkunu f'domanda saħansitra ogħla fil-futur, b'mod partikolari dawk l-aktar innovattivi. Fatturi abilitanti kritiċi mistennija jkunu edge node newtrali għall-klima u sigur ħafna li jiżgura aċċess għal servizzi tad-data b'latenza baxxa kull fejn ikunu jinsabu n-negozji, u

l-kapaċità kwantistika.

[40] Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE. COM(2021) 345 finali.

[40] Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE. COM(2021) 345 finali.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-ħiliet bażiċi u diġitali huma essenzjali għall-edukazzjoni, ix-xogħol u għal parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà, u dan minn età bikrija. Bil-ħolqien ta' ambjent li jippromwovi l-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni simultanjament fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, jistgħu jinkisbu sinerġija akbar u użu aħjar tar-riżorsi, speċjalment ma' programmi, politiki u inizjattivi eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-edukazzjoni li jikkondividu objettivi simili f'termini ta' ħiliet diġitali, bħal mal-Programm Erasmus+ stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li trid tinkiseb sal-2025, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020, l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet stabbilita fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, li tagħmel rakkomandazzjonijiet għall-ilħuq ta' rikonoxximent reċiproku

awtomatiku sa mhux aktar tard mill-2025. Barra minn hekk, l-objettivi u l-impenji ta' xi programmi, politiki u inizjattivi jenħtieġ li jintużaw bħala miri intermedjarji biex jintlaħqu l-miri li jikkonċernaw il-ħiliet diġitali, bħall-miri stabbiliti fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa u fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, biex jiġi żgurat li 70 % tal-popolazzjoni ta' bejn is-16 u l-74 sena jkollhom ħiliet diġitali bażiċi sal-2025, li l-iskejjel isiru postijiet totalment konnessi. Dan l-approċċ jiżgura li l-mezzi kollha tal-Unjoni jintużaw b'mod effiċjenti biex jinkisbu ħiliet diġitali għal kulħadd.

1a Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Lil hinn mill-fatturi abilitanti, ***it-teknoloġiji*** kollha msemmija hawn fuq se jkunu fil-qalba ta' prodotti ġodda, proċessi ta' manifattura ġodda u mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq il-kondiviżjoni ġusta tad-data fl-ekonomija tad-data. It-trasformazzjoni tan-negozji se tkun tiddependi fuq il-kapaċità tagħhom li jadottaw teknoloġiji diġitali ġodda malajr u b'mod ġenerali**,** inkluż fl-ekosistemi industrijali u tas-servizzi li bħalissa għadhom lura.	(8) Lil hinn mill-fatturi abilitanti, ***il-miri u t-teknoloġiji diġitali*** kollha msemmija hawn fuq se jkunu fil-qalba ta' prodotti ġodda, proċessi ta' manifattura ġodda u mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq il-kondiviżjoni ġusta tad-data fl-ekonomija tad-data ***f'konformità mar-regoli ta' kompetizzjoni***. It-trasformazzjoni tan-negozji se tkun tiddependi fuq il-kapaċità tagħhom li jadottaw teknoloġiji diġitali ġodda malajr u b'mod ġenerali inkluż fl-ekosistemi industrijali u tas-servizzi li bħalissa għadhom lura***, u fl-istess ħin jiġu evitati d-dipendenzi fuq***

teknoloġiji ewlenin u effetti ta' intrappolament tal-klijentela.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) It-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet huma meħtieġa biex in-nies ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għall-ħtiġijiet u r-realtajiet li qed jinbidlu ta' suq tax-xogħol dejjem aktar diġitalizzat. Fejn xieraq, l-impjegaturi jenħtieġ li jipprovdu taħriġ diġitali u tagħmir diġitali lill-impjegati, b'attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-ħajja demokratika u s-servizzi pubbliċi se jiddependu wkoll b'mod kruċjali fuq it-teknoloġiji diġitali u, għalhekk, ***għandhom ikunu*** kompletament aċċessibbli għal kulħadd, bħala ambjent diġitali mill-aqwa li jipprovdi servizzi u għodod ***faċli biex jintużaw***, effiċjenti u personalizzati ***bi*** standards ***għoljin*** ta' ***sigurtà*** u ***privatezza***.	(9) Il-ħajja demokratika u s-servizzi pubbliċi***, inklużi l-istituzzjonijiet kulturali,*** se jiddependu wkoll b'mod kruċjali fuq it-teknoloġiji diġitali u, għalhekk, ***jenħtieġ li jkunu*** kompletament aċċessibbli għal kulħadd, bħala ambjent diġitali mill-aqwa li jipprovdi servizzi u għodod ***ta' tagħlim affordabbli, aċċessibbli***, effiċjenti u personalizzati ***b'sigurtà għolja, u abbażi ta'*** standards ***ta' privatezza mid-disinn. Il-programm ta' politika jenħtieġ li joħloq ambjent diġitali ċċentrat fuq il-bniedem li jkun aċċessibbli għal kulħadd u jippermetti liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lis-sidien kollha ta' negozji żgħar isiru atturi attivi, kreattivi u kritiċi b'għarfien, ħiliet u fehim suffiċjenti biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-użu u l-opportunitajiet tat-teknoloġiji diġitali.***

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu jinkludi sistema ta' monitoraġġ imtejba biex jiġu identifikati l-lakuni fil-kapaċitajiet diġitali strateġiċi tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan jinkludi wkoll mekkaniżmu ta' rapportar, fost l-oħrajn, dwar il-progress lejn il-viżjoni għall-2030 u l-miri diġitali korrispondenti, kif ukoll dwar l-istat aktar ġenerali tal-konformità mal-objettivi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li dan jistabbilixxi qafas kooperattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġu identifikati soluzzjonijiet li jindirizzaw id-dgħufijiet u jiġu proposti azzjonijiet immirati għal rimedji effettivi.	(12) Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu jinkludi sistema ta' monitoraġġ imtejba biex jiġu identifikati l-lakuni fil-kapaċitajiet diġitali strateġiċi tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan jinkludi wkoll mekkaniżmu ta' rapportar, fost l-oħrajn, dwar il-progress lejn il-viżjoni għall-2030 u l-miri diġitali korrispondenti, kif ukoll dwar l-istat aktar ġenerali tal-konformità mal-objettivi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li dan jistabbilixxi qafas kooperattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġu identifikati soluzzjonijiet li jindirizzaw id-dgħufijiet u jiġu proposti azzjonijiet immirati ***u li jistgħu jinkisbu*** għal rimedji effettivi.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress lejn il-miri diġitali, filwaqt li tagħti dettalji dwar il-grad ta' progress tal-Unjoni b'rabta mat-trajettorji proġettati għal kull mira, il-valutazzjoni tal-isforzi meħtieġa biex tintlaħaq kull mira, l-inklużjoni ta' lakuni fl-investiment fil-kapaċitajiet diġitali u s-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet meħtieġa biex ***tiżdied is-sovranità*** diġitali. Jenħtieġ li r-rapport jinkludi wkoll valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proposti regolatorji rilevanti, kif ukoll tal-azzjonijiet imwettqa fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri.	(15) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress lejn il-miri diġitali, filwaqt li tagħti dettalji dwar il-grad ta' progress tal-Unjoni b'rabta mat-trajettorji proġettati għal kull mira, il-valutazzjoni tal-isforzi meħtieġa biex tintlaħaq kull mira, l-inklużjoni ta' lakuni fl-investiment fil-kapaċitajiet diġitali u s-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet meħtieġa biex ***jiżdiedu t-tħejjija u s-sovranità*** diġitali. Jenħtieġ li r-rapport jinkludi wkoll valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proposti regolatorji rilevanti, kif ukoll tal-azzjonijiet imwettqa fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Biex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri tkun effiċjenti u effettiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali li jkopru l-perjodu sal-2030 ("pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali") li jipproponu, meta possibbli, trajettorji nazzjonali li jistgħu jitkejlu fil-livell nazzjonali, li jiddeskrivu l-istrumenti kollha adottati, ippjanati jew implimentati bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-ilħuq fil-livell tal-Unjoni tal-objettivi ta' din id-Deċiżjoni u tal-miri diġitali. Dawn il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali jenħtieġ li jkunu għodda kruċjali għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri u għall-iżgurar tal-prevedibbiltà għas-suq. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-inizjattivi settorjali rilevanti, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, u jiżguraw il-konsistenza magħhom. Matul iċ-ċiklu annwali ta' kooperazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jipproponu aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali biex iqisu l-evoluzzjoni tat-tranżizzjoni diġitali fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali u biex jirrispondu, b'mod partikolari, għall-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati mill-Kummissjoni.	(20) Biex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri tkun effiċjenti u effettiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali li jkopru l-perjodu sal-2030 ("pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali") li jipproponu, meta possibbli, trajettorji nazzjonali li jistgħu jitkejlu fil-livell nazzjonali, ***objettivi annwali u verifikabbli,*** li jiddeskrivu l-istrumenti kollha adottati, ippjanati jew implimentati bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-ilħuq fil-livell tal-Unjoni tal-objettivi ta' din id-Deċiżjoni u tal-miri diġitali***, sabiex jiġi evitat li ma jintlaħqux l-objettivi tal-2030***. Dawn il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali jenħtieġ li jkunu għodda kruċjali għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri u għall-iżgurar tal-prevedibbiltà għas-suq. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-inizjattivi settorjali rilevanti, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, u jiżguraw il-konsistenza magħhom. Matul iċ-ċiklu annwali ta' kooperazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jipproponu aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali biex iqisu l-evoluzzjoni tat-tranżizzjoni diġitali fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali u biex jirrispondu, b'mod partikolari, għall-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati mill-Kummissjoni.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Biex tiżgura t-trasparenza u l-parteċipazzjoni pubblika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati interessati kollha. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, inkluż atturi privati u pubbliċi, bħal korpi regolati mil-liġijiet pubbliċi tas-settur edukattiv jew tas-saħħa, u tikkonsulta magħhom dwar miżuri biex titħaffef it-trasformazzjoni diġitali ***fil-livell*** tal-Unjoni. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati ***jkun*** importanti fil-livell tal-Istati Membri wkoll, b'mod partikolari meta jadottaw il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali u l-aġġustamenti tagħhom.	(29) Biex tiżgura t-trasparenza u l-parteċipazzjoni pubblika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati interessati kollha. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, inkluż atturi privati u pubbliċi, bħal korpi regolati mil-liġijiet pubbliċi tas-settur edukattiv jew tas-saħħa, u tikkonsulta magħhom dwar miżuri biex titħaffef it-trasformazzjoni diġitali ***tal-Istati Membri u*** tal-Unjoni ***sħiħa***. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati***, inkluż mis-settur tal-edukazzjoni u tas-soċjetà ċivili, ikun*** importanti fil-livell tal-Istati Membri***, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak lokali*** wkoll, b'mod partikolari meta ***jħejju u*** jadottaw il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali u l-aġġustamenti tagħhom.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Proġetti Multinazzjonali li jinvolvu diversi Stati Membri jenħtieġ li jippermettu intervent fuq skala kbira f'oqsma ewlenin meħtieġa għall-ilħuq tal-miri diġitali, b'mod partikolari billi jinġabru flimkien ir-riżorsi mill-Unjoni, mill-Istati Membri u, meta xieraq, minn sorsi privati. Jenħtieġ li dawn jiġu implimentati b'mod ikkoordinat, f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni jenħtieġ li taqdi rwol ċentrali fl-aċċellerazzjoni tal-iskjerament ta' Proġetti Multinazzjonali permezz tal-identifikazzjoni ta' Proġetti Multinazzjonali lesti għall-	(30) Proġetti Multinazzjonali li jinvolvu diversi Stati Membri jenħtieġ li jippermettu intervent fuq skala kbira f'oqsma ewlenin meħtieġa għall-ilħuq tal-miri diġitali, ***fejn jeżisti valur miżjud Ewropew ċar,*** b'mod partikolari billi jinġabru flimkien ir-riżorsi mill-Unjoni, mill-Istati Membri u, meta xieraq, minn sorsi privati. Jenħtieġ li dawn jiġu implimentati b'mod ikkoordinat, f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni jenħtieġ li taqdi rwol ċentrali fl-aċċellerazzjoni tal-iskjerament ta' Proġetti Multinazzjonali permezz tal-identifikazzjoni ta' Proġetti

implimentazzjoni fost il-kategoriji ta' proġetti inklużi b'mod indikattiv fl-Anness, meta tiġi biex tagħti pariri lill-Istati Membri dwar l-għażla tal-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni, dwar l-għażla tas-sorsi ta' finanzjament u l-kombinazzjoni tagħhom, dwar kwistjonijiet strateġiċi oħra relatati mal-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti, u dwar l-għażla ta' Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura Diġitali (EDIC) bħala mekkaniżmu ta' implimentazzjoni, meta xieraq.	Multinazzjonali lesti għall-implimentazzjoni fost il-kategoriji ta' proġetti inklużi b'mod indikattiv fl-Anness, meta tiġi biex tagħti pariri lill-Istati Membri dwar l-għażla tal-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni, dwar l-għażla tas-sorsi ta' finanzjament u l-kombinazzjoni tagħhom, dwar kwistjonijiet strateġiċi oħra relatati mal-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti, u dwar l-għażla ta' Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura Diġitali (EDIC) bħala mekkaniżmu ta' implimentazzjoni, meta xieraq.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tiġi strutturata u stimulata l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri;	(b) tiġi strutturata u stimulata l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri***, għall-għanijiet li jiġu identifikati soluzzjonijiet, jiġu indirizzati d-dgħufijiet u jiġu proposti azzjonijiet immirati għal rimedji effettivi, kif ukoll li jiġu proposti indikaturi ġodda***;

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiġu żgurati l-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rapportar mill-Unjoni.	(c) jiġu żgurati l-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-monitoraġġ***, tal-valutazzjoni standardizzata*** u tar-rapportar ***mill-Istati Membri u*** mill-Unjoni ***b'mod trasparenti u li jinftiehem faċilment***.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jippromwovu ambjent diġitali li jiffoka fuq il-bniedem, inklużiv, sigur u miftuħ, fejn it-teknoloġiji u s-servizzi diġitali jirrispettaw u jtejbu l-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni;	(a) jippromwovu ambjent diġitali li jiffoka fuq il-bniedem, inklużiv, sigur u miftuħ, fejn it-teknoloġiji u s-servizzi diġitali jirrispettaw u jtejbu l-prinċipji***, id-drittijiet*** u l-valuri tal-Unjoni ***b'mod mhux diskriminatorju***;

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) isaħħu r-reżiljenza kollettiva tal-Istati Membri u jnaqqsu d-distakk diġitali, b'mod partikolari billi jippromwovu ħiliet diġitali bażiċi u ***speċjalizzati*** għal kulħadd u jrawmu l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali bi prestazzjoni għolja;	(b) isaħħu r-reżiljenza kollettiva tal-Istati Membri u jnaqqsu d-distakk diġitali, b'mod partikolari billi jippromwovu ħiliet diġitali bażiċi u ***jħeġġu ħiliet diġitali avvanzati*** għal kulħadd***,*** u jrawmu l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali bi prestazzjoni għolja***, inklużivi u ta' kwalità, inkluż permezz ta' approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja u f'konformità mal-inizjattiva Żona Ewropea tal-Edukazzjoni***;

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) joħolqu kapaċità finanzjarja, teknika u umana suffiċjenti fiċ-ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u t-tagħlim sabiex jintlaħqu l-miri tal-ħiliet diġitali u jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri fl-għadd ta' studenti tal-ICT u fl-għadd ta' speċjalisti tal-ICT;

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw is-sovranità diġitali**,** b'mod partikolari permezz ta' infrastruttura diġitali sigura u aċċessibbli li kapaċi tipproċessa volumi kbar ta' data li tippermetti żviluppi teknoloġiċi oħrajn, filwaqt li jappoġġaw il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni;	(c) jiżguraw is-sovranità diġitali b'mod partikolari permezz ta' infrastruttura diġitali ***li tkun*** sigura***, ta' kwalità għolja*** u aċċessibbli***, inkluż f'żoni remoti, u*** li ***tkun ibbażata fuq valuri fundamentali u li tkun*** kapaċi tipproċessa volumi kbar ta' data li tippermetti żviluppi teknoloġiċi oħrajn ***u innovazzjoni fis-sistemi edukattivi u fir-riċerka***, filwaqt li jappoġġaw il-kompetittività tal-industrija ***u tal-ekonomija*** tal-Unjoni***, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1a];
	1a Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jippromwovu l-iskjerament u l-użu ta' kapaċitajiet diġitali li jagħtu aċċess għat-teknoloġiji u d-data diġitali fuq termini faċli u ġusti biex jinkiseb livell għoli ta' intensità u innovazzjoni diġitali fl-intrapriżi tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk ***żgħar*** u ***medji***;	(d) jippromwovu l-iskjerament u l-użu ta' kapaċitajiet diġitali li jagħtu aċċess għat-teknoloġiji u d-data diġitali fuq termini faċli u ġusti biex jinkiseb livell għoli ta' intensità u innovazzjoni diġitali fl-intrapriżi tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk ***ta' daqs mikro, żgħir*** u ***medju***;

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżguraw li l-ħajja demokratika, is-servizzi pubbliċi u s-servizzi tas-saħħa u tal-kura ***jkunu*** aċċessibbli online għal kulħadd, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati, inklużi persuni b'diżabbiltà, filwaqt li joffru servizzi u għodod inklużivi, effiċjenti u personalizzati bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza;	(e) jiżguraw li l-ħajja demokratika, is-servizzi pubbliċi u ***essenzjali, inklużi*** s-servizzi tas-saħħa u tal-kura***, ikunu faċilment*** aċċessibbli online ***b'mod mhux diskriminatorju*** għal kulħadd, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati, inklużi persuni b'diżabbiltà, filwaqt li joffru servizzi u għodod ***interoperabbli*** inklużivi, effiċjenti u personalizzati bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza ***u billi jippromwovu l-użu ta' Software Liberu u b'Sors Miftuħ***;

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni fost il-fornituri tal-edukazzjoni formali, mhux formali u informali u l-partijiet ikkonċernati fl-għoti tal-edukazzjoni diġitali, biex jitrawwem approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u l-litteriżmu diġitali u biex jiġi ffaċilitat il-varar ta' proġetti multinazzjonali.

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "ħila diġitali bażika" tfisser kapaċità bażika li jintużaw apparati

	diġitali u applikazzjonijiet online, pereżempju bil-għan li jiġu aċċessati, iffiltrati u ġestiti l-informazzjoni u d-data personali, jinħoloq u jitqassam il-kontenut, jitwettqu komunikazzjoni u kollaborazzjoni kif ukoll jiġu identifikati u evalwati b'mod kritiku t-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali;

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) "ħila diġitali avvanzata" tfisser kapaċità speċjalizzata li jintużaw teknoloġiji diġitali, bħal ħiliet fit-tfassil, l-iżvilupp, il-ġestjoni u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji.

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***mill-inqas*** 80 % ta' dawk li għandhom bejn is-16 u l-74 sena jkollhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi;	(a) ***sal-2025 mill-inqas 70 %, u sal-2030 mill-inqas*** 80 % ta' dawk li għandhom bejn is-16 u l-74 sena jkollhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi ***bi progress sinifikanti li jrid jintlaħaq minn kull Stat Membru***;

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4– paragrafu 1 – punt 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) sal-2025 mill-inqas 80 %, u sal-2030 mill-inqas 90 % tal-għalliema u l-

	ħarrieġa, inkluż il-persunal tat-tagħlim fit-taħriġ vokazzjonali, ikunu mħarrġa b'mod adegwat biex jużaw it-teknoloġija b'mod effettiv fit-tagħlim tagħhom u biex jgħallmu t-teknoloġiji diġitali;

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġu impjegati mill-inqas 20 miljun speċjalista fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), b'konverġenza bejn in-nisa u l-irġiel;	(b) jiġu impjegati mill-inqas 20 miljun speċjalista fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), b'konverġenza bejn in-nisa u l-irġiel***, li jindirizzaw id-differenza sinifikanti bejn il-ġeneri fil-ħiliet diġitali***;

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) mill-inqas 5 % tan-nisa fl-edukazzjoni għolja f'kull Stat Membru jkunu rreġistrati fi programmi tal-ICT jew f'korsijiet interdixxiplinari b'komponent tal-ICT;

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4– paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Il-konnettività tal-internet tal-gigabits u t-tagħmir diġitali meħtieġ huma żgurati fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha, b'attenzjoni speċjali għall-iskejjel f'żoni rurali;

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) aktar minn 90 % tal-Intrapriżi Żgħar u Medji ("SMEs") tal-Unjoni jilħqu mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali;	(b) aktar minn 90 % tal-Intrapriżi ***Mikro,*** Żgħar u Medji ("SMEs") tal-Unjoni ***f'kull Stat Membru*** jilħqu mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali;

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) 100 % forniment aċċessibbli online ta' servizzi pubbliċi ewlenin għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni;	(a) 100 % forniment aċċessibbli online ta' servizzi pubbliċi ***u privati*** ewlenin għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni;

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-interazzjonijiet bejn il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet eżistenti u ppjanati u l-konsistenza tagħhom.	(d) l-interazzjonijiet bejn il-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet eżistenti u ppjanati u l-konsistenza tagħhom***, inkluża s-sitwazzjoni attwali tal-Proġetti Multinazzjonali fis-settur diġitali***.

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri u l-Kummissjoni	(1) L-Istati Membri u l-Kummissjoni

għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jidentifikaw modi kif jindirizzaw in-nuqqasijiet f'oqsma fejn il-progress ma kienx biżżejjed biex jintlaħqu waħda jew aktar mill-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 jew meta jkunu ġew identifikati lakuni u nuqqasijiet sinifikanti abbażi tar-riżultati tar-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". Din l-analiżi għandha tqis, b'mod partikolari, il-kapaċitajiet differenti tal-Istati Membri biex jikkontribwixxu għal uħud mill-miri diġitali ***u r-riskju*** li d-dewmien fuq uħud minn dawn il-miri jista' jkollu effett detrimentali fuq l-ilħuq ta' miri diġitali oħrajn.	għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jidentifikaw modi kif jindirizzaw in-nuqqasijiet f'oqsma fejn il-progress ma kienx biżżejjed biex jintlaħqu waħda jew aktar mill-miri diġitali stabbiliti fl-Artikolu 4 jew meta jkunu ġew identifikati lakuni u nuqqasijiet sinifikanti abbażi tar-riżultati tar-rapport dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali". Din l-analiżi għandha tqis, b'mod partikolari, il-kapaċitajiet ***ekonomiċi, loġistiċi u oħrajn*** differenti tal-Istati Membri ***u l-punti ta' tluq tagħhom*** biex jikkontribwixxu għal uħud mill-miri diġitali ***kif ukoll ir-riskju*** li d-dewmien fuq uħud minn dawn il-miri jista' jkollu effett detrimentali fuq l-ilħuq ta' miri diġitali oħrajn.

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri nazzjonali mhumiex biżżejjed u jpoġġu f'riskju l-ilħuq fil-ħin tal-objettivi u tal-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, din tista' tipproponi miżuri, kif xieraq, u teżerċita s-setgħat tagħha skont it-Trattati biex tiżgura l-ilħuq kollettiv ta' dawk l-objettivi u l-miri.	(4) Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri nazzjonali mhumiex biżżejjed u jpoġġu f'riskju l-ilħuq fil-ħin tal-objettivi u tal-miri diġitali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, din tista' tipproponi miżuri ***mfassla apposta***, kif xieraq, u teżerċita s-setgħat tagħha skont it-Trattati biex tiżgura l-ilħuq kollettiv ta' dawk l-objettivi u l-miri. ***Il-Kummissjoni tista' tipproponi wkoll Proġetti Multinazzjonali sabiex tilħaq il-miri u l-objettivi li huma f'riskju li ma jintlaħqux fil-ħin, jew jekk xi miżuri jibbenefikaw minn approċċ ikkoordinat.***

Emenda 35

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11 − paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(1) Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi, ***inkluż*** is-sħab soċjali, biex tiġbor l-informazzjoni u tiżviluppa l-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.	(1) Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi, ***inklużi l-organizzazzjonijiet tal-kummerċ, l-assoċjazzjonijiet professjonali,*** is-sħab soċjali ***u s-soċjetà ċivili***, biex tiġbor l-informazzjoni u tiżviluppa l-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet rakkomandati għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi, ***inkluż*** is-sħab soċjali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, meta jadottaw il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali u l-aġġustamenti tagħhom.	(2) L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi, ***inklużi l-organizzazzjonijiet tal-kummerċ, l-assoċjazzjonijiet professjonali,*** is-sħab soċjali ***u s-soċjetà ċivili***, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, meta jadottaw il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom tad-Deċennju Diġitali u l-aġġustamenti tagħhom.

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-eċċellenza teknoloġika u tal-kompetittività industrijali tal-Unjoni f'teknoloġiji kritiċi u fi prodotti, servizzi u infrastrutturi diġitali li huma essenzjali għall-irkupru ekonomiku u għall-prosperità, kif ukoll ***għas-sigurtà*** u s-sikurezza taċ-ċittadini;	(b) it-tisħiħ tal-eċċellenza teknoloġika u tal-kompetittività industrijali tal-Unjoni f'teknoloġiji kritiċi u fi prodotti, servizzi u infrastrutturi diġitali li huma essenzjali għall-irkupru ekonomiku***, għat-tkabbir*** u għall-prosperità, kif ukoll ***għall-parteċipazzjoni demokratika, is-sigurtà*** u s-sikurezza taċ-ċittadini;

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-iżgurar tal-konverġenza tal-infrastruttura diġitali;

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) il-Kummissjoni Ewropea;

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) il-Konsorzji għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23a
	Sinerġiji u komplementarjetajiet ma' programmi u politiki oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka.
	Fil-livell tal-Unjoni, il-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali" għandu jkollu

approċċ trasversali bil-għan li jinħolqu sinerġiji bejn id-diversi programmi u inizjattivi tal-Unjoni ta' rilevanza għall-objettivi u l-miri li jikkonċernaw il-ħiliet diġitali, filwaqt li jitqiesu r-riżorsi baġitarji disponibbli limitati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u l-azzjonijiet eżistenti u ġodda.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali"
Referenzi	COM(2021)0574 – C9-0359/2021 – 2021/0293(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 18.10.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 18.10.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sabine Verheyen 14.12.2021
Eżami fil-kumitat	7.2.2022
Data tal-adozzjoni	25.4.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Gianantonio Da Re, Laurence Farreng, Tomasz Frankowski, Romeo Franz, Alexis Georgoulis, Catherine Griset, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Irena Joveva, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Predrag Fred Matić, Dace Melbārde, Victor Negrescu, Niklas Nienaß, Peter Pollák, Diana Riba i Giner, Marcos Ros Sempere, Monica Semedo, Andrey Slabakov, Massimiliano Smeriglio, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Bernhuber, Elżbieta Kruk

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

29	+
ECR	Elżbieta Kruk, Dace Melbārde, Andrey Slabakov
ID	Catherine Griset
NI	Andrea Bocskor
PPE	Asim Ademov, Alexander Bernhuber, Tomasz Frankowski, Peter Pollák, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Renew	Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Irena Joveva, Monica Semedo
S&D	Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Victor Negrescu, Marcos Ros Sempere, Massimiliano Smeriglio
The Left	Alexis Georgoulis, Niyazi Kizilyürek
Verts/ALE	Romeo Franz, Niklas Nienaß, Diana Riba i Giner

0	-

1	0
ID	Gianantonio Da Re

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni